31981R2429

L 242/5 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 25.8.1981

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2429/81 tal-21 ta' Awissu 1981 li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2191/81 u (KEE) Nru 2192/81 dwar l-għoti ta' għajnuna għax-xiri tal-butir

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bl-Att ta' Adeżjoni tal-Greċja, u partikolarment Artikolu 12(3) tiegħu,

Billi l-verifika tat-testi pubblikati tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2191/81 [2] u (KEE) Nru 2192/81 [3] turi illi mhumiex identiċi għal kollox mat-testi votati mill-Kumitat ta' Ġestjoni u li l-iżbalji involuti jridu jiġu korretti kif jixraq;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2191/81 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Artikolu 7 huwa b'dan mibdul b'li ġej:

"*Artikolu 7*

L-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1717/72 hija b'dan sospiża, għajr rigward il-butir mibjugħ fuq is-sottomissjoni taċ-ċertifikati msemmijin f'Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 1717/72, maħruġa qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament."

2. Fil-verżjoni Franċiża, f'Artikolu 3(7)(a), l-espressjoni "au moyen de ce bon;" hija mibdula bl-espressjoni "au moyen de ce bon, ou".

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 2192/81 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Fil-verżjoni Ingliża:

(a) f'Artikolu 1(2)(a), l-espressjoni "purchased in the manufacturing Member State" hija mibdula bl-espressjoni "purchased in the Member State";

(b) fl-ewwel inċiż ta' Artikolu 1(2)(b), l-espressjoni "the packaging of which is marked accordingly, or" hija mibdula bl-espressjoni "the packaging is marked accordingly, pursuant to the rules in the Member State where the beneficiary unit makes the purchase, or".

2. Fil-verżjoni Franċiża, f'Artikolu 3(5)(a), l-espressjoni "au moyen de ce bon;" hija mibdula bl-espressjoni "au moyen de ce bon, ou".

3. Fil-verżjoni Taljana, f'Artikolu 3(5)(a), fl-aħħar, il-kelma "nonché" hija mibdula bil-kelma "o".

4. Fil-verżjoni Olandiża, f'Artikolu 3(5)(a), fl-aħħar, l-espressjoni "van deze bon blijken;" hija mibdula bl-espressjoni "van deze bon blijken, of".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika b'effett mill-4 ta' Awissu 1981.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Awissu 1981.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
(2) ĠU L 213, ta' l-1.8.1981, p. 20.
(3) ĠU L 213, ta' l-1.8.1981, p. 24.